**Coimisiún na Scrúduithe Stáit**

State Examinations Commission

# Leaving Certificate 2019

# Marking Scheme

# Maltese

## Higher Level

**Note to teachers and students on the use of published marking schemes**

Marking schemes published by the State Examinations Commission are not intended to be standalone documents. They are an essential resource for examiners who receive training in the correct interpretation and application of the scheme. This training involves, among other things, marking samples of student work and discussing the marks awarded, so as to clarify the correct application of the scheme. The work of examiners is subsequently monitored by Advising Examiners to ensure consistent and accurate application of the marking scheme. This process is overseen by the Chief Examiner, usually assisted by a Chief Advising Examiner. The Chief Examiner is the final authority regarding whether or not the marking scheme has been correctly applied to any piece of candidate work.

Marking schemes are working documents. While a draft marking scheme is prepared in advance of the examination, the scheme is not finalised until examiners have applied it to candidates' work and the feedback from all examiners has been collated and considered in light of the full range of responses of candidates, the overall level of difficulty of the examination and the need to maintain consistency in standards from year to year. This published document contains the finalised scheme, as it was applied to all candidates' work.

In the case of marking schemes that include model solutions or answers, it should be noted that these are not intended to be exhaustive. Variations and alternatives may also be acceptable. Examiners must consider all answers on their merits, and will have consulted with their Advising Examiners when in doubt.

**Future Marking Schemes**

Assumptions about future marking schemes on the basis of past schemes should be avoided. While the underlying assessment principles remain the same, the details of the marking of a particular type of question may change in the context of the contribution of that question to the overall examination in a given year. The Chief Examiner in any given year has the responsibility to determine how best to ensure the fair and accurate assessment of candidates' work and to ensure consistency in the standard of the assessment from year to year. Accordingly, aspects of the structure, detail and application of the marking scheme for a particular examination are subject to change from one year to the next without notice.

TWEĠIBIET – L-EWWEL TAQSIMA – L-ISPORTS

1. Spjega fi kliemek it-tifsira tal-espressjonijet li ġejjin: (5 × 1 marka)
   a) ngħożżhom : **inħobbhom u nipprova nsegwihom**
   b) qatt ma waqgħet id-dinja: **qatt ma jkun ġara xejn gravi**
   ċ) tlaqqa': **tressaq lin-nies qrib ta' xulxin**
   d) bi ħsieb: **bi pjan jew b'intenzjoni**
   e) nbiegħdu: **inżommu xi ħaġa 'l bogħod jew mhux fil-qrib**

2. X'tgħallem dwar l-aspett fiżiku tal-isport David Stellini mingħand l-għalliem tiegħu u kif ħa tagħlima għall-ħajja minn dan? (5 marki)
   ***Huwa tgħallem dwar ir-'recovery heart rate' li tirreferi għall-ħin li ddum il-qalb biex tirkupra minn ġirja; huwa tgħallem li anke fil-ħajja, l-importanti mhux biss li tipprova, imma li meta taqa' tkun kapaċi tirkupra u tiġi f'tiegħek bl-istess mod li l-qalb terġa' tħabbat b'rata normali wara ġirja. Huwa ra li tirbaħ u ma tirbaħx m'għandek qatt jiddispjaċik li ħadt sehem, għax l-importanti li titgħallem mill-esperjenza. (P2)***

3. Kif jara r-rwol tal-isport fil-ħajja tal-bniedem David Stellini? (5 marki)
   ***L-isport huwa lezzjoni kontinwa fil-ħajja tal-bniedem. Sew fl-isports kif ukoll fil-ħajja, l-importanti hu li dejjem jipparteċipa u jagħti kontribut siewi ; fil-ħajja kull esperjenza qegħda hemm biex jitgħallem u li l-importanti u li jerġgħa jqum biex ikompli jiffaċċja 'l ħajja. L-isport jgħinu biex ikollu l-qawwa li jkompli jikkumbati mal-ħajja. (P3)***

4. Essenzjalment, iż-żewġ awturi jaqblu dwar il-valur tal-isports, iżda x'inhuma l-aspetti differenti tal-isports li jenfassizzaw fl-artikli tagħhom? (5 marki)
   ***L-ewwel artiklu jenfasizza kif l-isport jipprepara t-tfal għall-isfidi tal-ħajja u kif jitgħallmu jqumu u jibqgħu jippruvaw; huma jitgħallmu wkoll dwar il-ġid komuni mill-isports. It-tieni artiklu jenfassizza l-fatt li l-isport kapaċi jgħin il-bniedem jgħix ħajja iżjed ħielsa mill-mard fiżiku u mentali u jwassal għal kwalità aħjar ta' ħajja.***

5. *"Nitkellmu ħafna dwar il-bżonn li naqtgħu l-korruzzjoni sew fl-isports kif ukoll f'oqsma oħra tas-soċjeta. Bl-isports it-tfal tagħna jistgħu jkunu jafu kemm jiswa l-ġid komuni - valur li jista' jbiegħdhom mir-riegħba u l-egoiżmu.."*
   Fil kuntest ta' din id-dikjarazzjoni, spjega kif l-isport jista' jgħin biex jikkumbati kontra l-korruzzjoni. (5 marki)
   - ***L-isport jgħallem lit-tfal u ż-żgħażagħ jibnu karattru sod.***
   - ***Jgħallem il-valur tal-ġid komuni***
   - ***L-isport jista' jbegħedom mir-riegħba u l-egoiżmu***

6. Sina Buġeja tgħid li l-isfida vera hija "magħna nfusna" u David Stellini jgħid l-isport huwa sforz li bih "nimbuttaw il-limit tagħna". Iddiskuti dawn il-konklużjonijiet billi tirreferi għaż-żewġ artikli. (5 marki)

***Xi punti li jistgħu jissemmew:***

- ***l-isport huwa mezz kif il-bniedem jibqa' jipprova jegħleb l-isfidi u dan jgħinu jiffaċċja l-problem tal-ħajja.***
- ***L-isport jgħin biex jibni karattri sodi, jagħti prinċipji siewja bħal li wieħed ma jaqtax qalbu.***
- ***Fuq livell psikoloġiku jgħallimna negħlbu l-limit li npoġġu fuqna nfusna.***
- ***Jgħin biex il-bniedem ikun b'saħħta b'mod sħiħ għax iwasslu biex jagħmel l-aħjar għażliet għal ħajja hienja.***

**It-Tieni Taqsima (30 marka)**

*"Imma l-isport waħdu ma jagħmilx l-impossibli."*

Minn dak li qrajt f-din is-silta, ikkummenta dwar x'taħseb li huma l-aktar għażliet importanti fil-ħajja f'madwar mitt kelma.

***Xi punti li jistgħu jissemmew:***

***Referenza għas-silta u kemm l-isport jew l-attività fiżika huma importanti; għazliet dwar x'nieklu u x'nixorbu li jistgħu jgħinu biex inkunu aktar f'saħħitna.***

***Għażliet oħra fil-ħajja jistgħu jinkludu s-suġġetti li wieħed jagħżel biex jistudja, l-karriera jew it-tip ta' xogħol.***

***Għażliet personali bħall-għażla tas-sieħeb/sieħba jew li tibqa' waħdek.***

***Ir-relazzjonijiet mal-persuni li tgħix u taħdem magħhom.***

***L-għażla li tagħmel persuna li tgħin u tikkontribwixxi biex ittejjeb il-ħajja ta' dawk ta' madwarha.***

***Għażliet ta' kuljum, l-affarijiet is-sempliċi kif ukoll dawk li jagħmluna iktar sereni jew inqas kuntenti.***

**It-Tielet Taqsima (40 marka)**

1. 'L-ewwel jien, it-tieni jien u t-tielet jien.' Dan il-proverbju jiddikkjara li n-nies huma tassew egoisti. Taqbel ma' dan? Taħseb li dan il-proverbju huwa releventi fil-ħajja tal-lum? Iddiskuti l-opinjoni tiegħek f'komponiment ta' madwar 300 kelma.

2. X'taħseb dwar is-sena ta' pawża li jieħdu ċerti studenti wara li jispiċċaw l-iskola sekondarja jew wara li jiggradwaw? Hija biss sena moħlija fil-ħajja taż-żgħażagħ? Agħti t-tweġiba tiegħek f'komponiment ta madwar 300 kelma. Kun żgur li ssemmi ż-żewġ naħat tal-argument.